**Prim Ministru**

**Segretarju Parlamentari Għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjeta'**

**Chairperson Eżekuttiv Awtorità tal-Ippjanar**

**Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima**

***Chairperson* Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi**

**A.L. ta' l-2017**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

**ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)**

**Regolamenti dwarl-Azzjoni fuq id-Depożitu Illegali ta' Materjal fuq l-Art u fuq ir-Riklamazzjoni Illegali tal-Art**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 85 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjeta', bi ftehim mal-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti.

It-Titolu

**1.** It-titolu ta ' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2017 Dwar l-Azzjoni fuq id-Depożitu Illegali ta ' Materjal fuq l-Art u fuq ir-Reklamazzjoni Illegali tal-art.

Definizzjonijiet u interpretazzjoni

**2**. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"afforestazzjoni" tfisser it-tħawwil ta ' siġar fuq art mhux afforestata

"l-Att" tfisser l-Att Dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

"l-Awtorità" għandha jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bl-Att;

*"contravener"* tfisser kull persuna li tkun ġiet notifikata bl-avviż ta ' twettiq li jkun sar eżegwibbli, fejn tali avviż ta ' twettiq għandu x'jaqsam mal-illegalitajiet speċifikati fir-Regolament 3 ta ' dawn ir-regolamenti.

"avviż ta' twettiq eżegwibbli" tfisser l-avviż ta' twettiq li jista'jiġieżegwit mill-Awtorità permezz tal-proċeduri kif stabbiliti fl-Artikolu 100 ta ' l-Att.

"żona protetta" tfisser kull żona protetta permezz tal-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kapitolu 549 tal-Ligijiet ta' Maltajew kull zona skedata għall-raġunijiet ekoloġiċi jew xjentifiċi taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kapitolu552 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) F'dawn ir-regolamenti, il-kliem u l-espressjonijiet definiti fl-Att għandu jkollhom l-istess tifsira bhal fl-Att.

Illegalitajiet soġġetti għal dawn ir-regolamenti

**3.**Dawn ir-regolamenti japplikaw għal kull art soġġettagħal avviżta' twettiq li jkun sar eżegwibbli, maħruġ qabel jew wara d-dħul fis-seħħ ta' l-Att, jew qabel jew wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, kemm il-darba l-istess avviż ta' twettiqikun jirrigwarda illegalità li tikkostitwixxi, jew tirreferi, għal:-

(i) art li ġiet mitluqab'illegalità ta' kull xorta li tkun tikkostitwixxi ħsara lill-ġmiel jew siwi tal-istess art,kemm il-darba tali illegalità, filwaqt li ma tkunx tidher fuq ir-ritratti mill-ajru tal-Awtorità tas-sena 1994, tkun tidherfuq ir-ritratti mill-ajru tal-Awtorità tas-sena2012; jew

(ii) depożitu illegali, rimi jew tfiegħta' kwalunkwe materjal fuq kull art, kemm il-darba tali illegalità, filwaqt li ma tkunx tidher fuq ir-ritratti mill-ajru tal-Awtorità tas-sena 1994, tkun tidherfuq ir-ritratti mill-ajru tal-Awtorità tas-sena 2012; jew

(iii) riklamazzjoni illegali ta' kull art, kemm il-darba tali illegalità,

filwaqt li ma tkunx tidher fuq ir-ritratti mill-ajru tal-Awtorità tas-sena 1994, tkun tidherfuq ir-ritratti mill-ajru tal-Awtorità tas-sena 2012. F'kull każ fejn ir-riklamazzjoni illegali tal-art tkun tidher fuq ir-ritratti mill-ajru tal-Awtorità tas-sena 1994 u r-ritratti mill-ajru tal-Awtorità tas-sena 2012 jikkonfermaw li wara s-sena 1994 tkunżdiedet ir-riklamazzjoni illegali tal-art, l-Awtorità ikollha d-dritt li teżegwixxi l-azzjoni neċessarja skond dawn ir-regolamenti kemm fir-rigward tar-riklamazzjoni illegali tal-art li tidher fuq ir-ritratti mill-ajru tas-sena 1994 kif ukoll fir-rigward ta' kull riklamazzjoni illegali ta' art addizzjonali li seħħet wara s-sena 1994 u li tidher fuq ir-ritratti mill-ajru tal-Awtorità tas-sena 2012.

L-istudju u l-linji gwida għal restawr u afforestazzjoni xierqa

**4.** (1) Art soġġetta għalavviż ta' twettiq eżegwibbli li jkun jirrigwarda xi waħda jew aktar mill-illegalitajiet speċifikati fir-Regolament 3 għandhatiġiriġenerata, u dan jew billi tigi ripristinatagħall-istat oriġinali tagħha jew billi tigi afforestata. L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsigħandha tħejji studju biex ikun identifikat l-aħjarmetodugħar-riġenerazzjonital-istess art li tkun soġġetta għall-imsemmi avviż ta' twettiq ezegwibbli. F'dawk il-każijiet fejn l-art soġġetta għall-imsemmi avviż tkun ta' valur kulturali, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha tħejji l-imsemmi studju wara li tikkonsulta mas-Sovrintendenza għall-PatrimonjuKulturali.

2) Kull sit soġġett għall-avviż ta' twettiq eżigwibbli, li ma jifformax parti minn Natura 2000*sites*, għandu jiġi afforestat jekk ikun evidenti għall-Awtorità li aktar minn nofs il-metraġġ kwadrat tal-istess sitikun miksi,b'aktar minn 3 metri fond, b'materjal inert. L-Awtorità għandha tinnotifika lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi b'dawk is-siti milquta bid-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament u fi żmien tliet xhur min-notifika, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha toħroġ linjigwida dwar kif għandha ssir l-afforestazzjoni.

Proċedurata' Stqarrija ta' Metodu

**5.** (1) Bla ħsaragħad-disposizzjonijiet ta' Regolament 4(2), wara t-tħejjija tal-istudju mitlub skont ir-Regolament 4(1), l-Awtorità għandha tinforma lill-*contravener* biex jipprepara Stqarrija ta' Metodu għar-riġenerazzjonita' l-art billi tigi ripristinata jew afforestataskont kif meħtieġ. L-istqarrija ta' metodu għandha tigi mfassla skont it-termini ta' referenza stabbiliti fl-Iskeda I ta' dawn ir-regolamenti u għandha tissodisfa r-rekwiżiti, termini u kundizzjonijiet mitluba mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. Fejn is-sit huwa ta' valur kulturali, l-istqarrija

ta’ metodu għandha tissodisfa ukoll r-rekwiżiti, termini u kundizzjonijiet mitlubamis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għandhomukoll id-dritt li jitolbu Stqarrija ta’ Metodu biex jiġu ndirizzati kwistjonijiet oħra li mhumiex elenkati fl-Iskeda I.

(2) L-Awtorità għandha tinforma l-*contravener*, permezz ta' ittra reġistrata, dwar l-obbligu tiegħu biex jissottomettiStqarrija ta’ Metodu skont is-subregolament (1). Fl-ittra taghha, l-Awtorità għandha tispeċifika r-rekwiżiti u t-termini ta' riferenza li fuqhom għandha tkun imsesja l-iStqarrija ta’ Metodu, liema rekwiziti u termini ta’ riferenza għandhom jinkludu ukoll dawk t-termini, kundizzjonijiet u rekwiziti mitluba mill-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi u s-Sovrintendenza tal-PatrimonjuKulturali. L-ittra mibgħuta mill-Awtoritàghandha ukoll tispecifika l-perjodu li fihl-*contravener* għandu jissottometti l-iStqarrija ta’ Metoduquddiem l-Awtorità.

(3) L-Awtorità ikollha s-setgħa li tapprova l-iStqarrija ta’ Metodusottomessa skond is-subregolament (2) kemm il-darba l-istess Awtorità tkun sodisfatta li l-istess Stqarrija ta’ Metodutkun tindirizza r-rekwiżiti u t-termini ta’ riferenza mfissra minnha fl-ittra tagħha notifikata lill-*contravener* skont is-subregolament (2). L-istess Stqarrija ta’ Metodu għandha tiġi approvata wkoll mill-Awtoritàgħall-Ambjent u r-Riżorsi u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, kemm il-darba dawn tal-aħħar ikunu sodisfatti li l-istess Stqarrija ta’ Metodu tkun tindirizza r-rekwiżiti u t-termini ta’ riferenza imposti minnhom. Kemm il-darba l-iStqarrija ta’ Metodu tiġi approvata mill-Awtorità, hi jkollha s-setgħa li żżid dawk ir-rekwiżitijew kondizzjonijiet oħra li jidhrilha xierqa, u dan mingħajr ebda ħsara għal kull setgħa oħra li jista’ jkollha l-Awtorità taħt xi liġi oħra.

(4) Il-*contravener* għandu jiġi notifikat bl-approvazzjoni tal-iStqarrija ta’ Metodu permezz ta' ittra reġistrata. Id-data tan-notifika tal-approvazzjoni tal-iStqarrija ta’ Metodu għandha titqies bħala d-data li fiha x-xogħlijiet speċifikati fl-istess Stqarrija ta’ Metodu għandhom jibdew.

Azzjoni meħtieġa

**6.** (1) F'dawk il-każijiet fejn:-

(i) Il-*contravener* jonqos milli jissottometti l-istqarrija ta' metodu fil-perjodu taż-żmien impost mill-Awtorità skond is-subregolament (2) tar-

Regolament 5 u konsegwenza ta' dan l-iStqarrija ta' Metodu tiġi mħejjija mill-Awtorità; jew

(ii) Il-*contravener* jissottometti Stqarrija ta' Metodu li ma tkunx għas-sodisfazzjon tal-Awtorità, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u, fejn applikabbli,s-Sovrintendenza tal-PatrimonjuKulturali; jew

(iii) Il-*contravener* jonqos milli jeżegwixxi x-xogħlijiet awtorizzati mill-Awtorità fl-iStqarrija ta' Metodu approvata jew jonqos li jtemm dawn ix-xogħlijiet fil-perjodu ta' żmien impost fl-istess Stqarrija ta' Metoduapprovata; jew

(iv) Il-*contravener* jesegwixxi xogħlijiet b'mod li ma jkunx konformi mat-termini u kondizzjonijiet tal-iStqarrija ta' Metodu approvata; jew

(vi) L-Awtorità tkun notifikata mill-Awtoritàgħall-Ambjent u r-Riżorsi jew is-Sovrintendenza tal-PatrimonjuKulturali dwar xi nuqqas mill-*contravener* fl-implimentazzjoni tal-Stqarrija ta' Metodu:

l-Awtorità, mingħajr preġudizzju għal kull setgha ohra moghtija lilha skont xi liġi ohra, jkollha d-dritt li teżerċita l-poteri kollha mogħtija lilhataħt l-Att sabiex tidħol fuq l-art in kwistjoni u teżegwixxi x-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex tiġi implimentatal-iStqarrija ta' Metodu b'mod li jkun ukoll sodisfaċjenti ghall-Awtoritàgħall-Ambjent u r-Riżorsi u ghas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

(2) Fejn is-sid u l-okkupant ta' art soġġetta għal avviż ta' twettiq eżegwibbli ma jkunx magħruf jew art soġġetta għal avviż ta' twettiq eżegwibbli tkun proprjeta tal-Gvern iżda l-okkupant ma jkunx magħruf, l-Awtorità tkun responsabbli biex tħejji l-iStqarrija ta' Metodu u jkollha l-istess setgħat mogħtija lilha taħt is-subregolament 1.

(3) L-Awtorità għandhatissorvelja x-xogħolijietmwettaq mill-*contravener* fl-implimentazzjoni tal-iStqarrija ta' Metodu u taċċerta u tiċċertifika li l-imsemmija xogħolijiet qed isiru b'konformità mal-istess Stqarrija ta' Metodu.

**7.** (1) Il-*contravener* għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha inkorsi mill-Awtorità fl-eżerċizzju tas-setgħat moghtija lilha taħt dawn ir-Regolamentiliema spejjeż għandhom jiġu rkuprati mill-Awtorità skont il-proċedura stabbilita fis-subartikoli (5) sa (9) ta ' l-Artikolu 100 tal-Att.

L-ispejjeż

(2) B'żieda mal-ispejjeż li għandhom jitħallsu mill-*contravener* lill-Awtorità skont is-subregolament (1), l-Awtorità jkollha ukoll is-setgha, mingħajr ħsara għal kull setgħa oħra mogħtija lilha skont xi liġi oħra, li

timponi multa amministrattiva fuqil-*contravener*, liema multa għandha tinħadem fuq stima tal-ispejjeżgħall-manutenzjoni ta' l-art mill-Awtorità. Kemm l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsikif ukollis-Sovrintendenza tal-PatrimonjuKulturali għandhom d-dritt li jitolbu minghand il-*contravener*l-ħlastal-ispejjeż għas-servizzi mogħtija minnhom lill-Awtorità, liema talba ghall-ħlas għandha issirpermezz ta' multa amministrattiva imposta fuq l-istess *contravener*.

(3) L-Awtorità għandha tirkupra l-multa amministrattivamposta fuq l-*contravener* skond il-proċedura speċifikata fis-subregolament (1) ta ' dan ir-Regolament.

(4) L-ispejjeż imposti fuq il-*contravener* skond dawn ir-regolamenti għandhom jinkludu:l-ippjanar; ix-xiri ta' kull materjal neċessarju fl-implimentazzjoni tal-iStqarrija ta' Metodu; tfassil tal-art; qlugħ ta ' speċi aljeni minn fuq l-art; it-tħawwil;l-irrigazzjoni; qlugħ ta' ħaxix ħażin;*staking* tas-siġar; u kull operazzjoni oħra meħtieġa għall-afforestazzjoni jew ripristinar tas-sit.

(5) Il-multa amministrattiva imposta fuq l-*contravener* skond dawn ir-regolamenti għandhatinħadem fuq stima ta' l-ispejjeż meħtieġa biex l-art afforestata jew ripristinata tinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjonigħall-ewwel ħames snin.

**8.** Fejn artli tiġi afforestatama tibqax tinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, jew f'każ fejn jiġi depożitat materjal ta' kull xorta , fuq kwalsiasi art b'mod illegali, l-Awtorità għandha tinnotifika l-Gvern b'dan il-ksur u l-Gvern jkollu s-setgħa li jipproċedi jew (i) billi jtemm il-ftehim t'okkupanza li għalih s-sitikun soġġett, jekk l-art in kwistjoni tkun propjeta tal-Gvern jew (ii) billi jespropja l-art, jekk l-art in kwistjoni tkun proprjetà privata; u dan bil-għan li jiġi żgurat li l-art in kwistjoni tinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u,jew tingħata l-protezzjoni meħtieġa kontra kull xorta ta' depożitu illegali ulterjuri.

**Skeda I**

*Deskrizzjoni tal-bżonnijiet u t-termini ta' referenza għall-iStqarrija ta' Metodu*

1. Deskrizzjoni tar-rekwiziti

1.1 L-użu ta' siġar u arbuxelli

(a) Is-siġar u l-arbuxelli wżati għar-rijabilitazzjoni għandhom ikunu ta' speċi indiġeni li jkunu endemiċi għaż-żona/is-sit konċernat u kompatibbli mall-ambjenti tal-madwar. L-i*Stqarrija ta' Metodu*għandha tindika, kull speċi bl-ismijiet relattivi taghhom fil-lingwa-Latina, Maltija u Ingliża; l-ammont ta' kull speci li ghandhom jithawwlu u l-post approssimattiv li fih dawn l-ispeci ghandhom jithawwlu..

(b) L-għażla tal-ispeċi għandhatkunu gwidata mid-dokument *" Guidelines on Trees, Shrubs and Plants for Planting and Landscaping in the Maltese Islands"* tas-sena 2002 kif emendat, u l-"*Guidelines on managing non-native plant invaders and restoring native plant communities in terrestrial settings in the Maltese Islands (MEPA, 2011)",* flimkien mal-lista indikata fl-Appendiċi għal din l-iskeda. Speċi aljeni invażivi li jkunu jikbru r fuq is-sit għandhom jiġu maqlugha u meqruda bħala parti mill-proċeduri ta ' rijabilitazzjoni.

2. It-Termini ta ' referenza

Fl-i*Stqarrija ta' Metodu*hu mehtieg li jiġi identifikat il-ahjar metodu possibli li bih għandhom jitwettqu l-interventi necessarji bl-anqas ħsara possibbli fis-sit u l-madwar. Ghandhom jigu identifikati ukolll-impatti ambjentali li jistgħu jirriżultaw minn dawn l-interventi u miżuri ta' mitigazzjoni li ghandhom jigu implimentati.

L-i*Stqarrija ta' Metodu*għandhaukoll tinkludi l-informazzjoni bażika specifikata hawn taħt, flimkien ma' informazzjoni ohra marbuta mar-restawr u l-ħtiġijiet ekoloġiċi specifici ghas-sit li jistghu jintalbu mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi :

**A. <u>Organizzazzjoni u r-responsabbiltajiet</u>**

Id-dokument għandu jelenka l-mizuriproposti biex titwettaq kull fazi tal-proġett, u għandu jinkludi dan li ġej:

i. Deskrizzjoni taż-żmien mehtieg ghal kull fazi tal-progett, liema deskrizzjoni ghandha tispecifika (i) d-data li fiha ghandhom jibdew, u d-data li fiha ghandhom jintemmu, x-xogholijiet relattivi; u(ii) t-termini ta' zmien relattivi ghall-kull fazi tal-progett.

ii. L-identita' udettalji ohra dwar l-manager tas-sit (kif approvat mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi) li jkollu l-obbligu, f'isem il-parti responsabbli, li jissorvelja x-xogħolijiet kollha bil-ghan li jizgura li l-istess ikunu qed jitwettqu b'konformita' mal-*Stqarrija ta' Metodu*;

iii. Deskrizzjoni dwar kif il-progress u l-andament tax-xogħlijiet se jiġu sorveljati u rreġistrat e.ż.b'mezzi fotografiċi (qabel, matul u wara). Wara t-tlestija tax-xogħlijiet, kopja tar-ritratti tad-diversi fazijiet tal-progett għandhatiġi sottomessi quddiem l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi.

**B. <u>Deskrizzjoni tas-sit u l-madwar:</u>**

i. Pjanta li tindika b'mod ċar il-konfini tas-sit kif ukoll taz-żona tal- madwar li tista' tiġi affettwata;

ii. Ghandhom jigu provduti fdettalji (fost ohrajn permess ta' mapep u pjanti) dwarit-topografija , il-ġeoloġija, l-idroloġija, u l-ekoloġija tal-art, kif ukoll dettalji dwar fatturi naturali ohra li jikkaratterizzaw l-istess art u ż-żona tal-madwar li tista' tigi affettwata.

iii. Dettalji ta' xi siġar u veġetazzjoni ohra ezistenti fuq l-art u tal-karatteristiċi naturali li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħolijiet proposti, bħal specili jigu mneħħija/maqtugħa jew mod ieħor affetwati li huma ta ' importanza topografika u naturalie.ż siġar xjuħ.

C. <u>Deskrizzjoni ta ' xogħlijiet ghandha tinkludi:-</u>

i. pjanta li tindika l-istat attwali tal-art soggetta ghall-avviz ta twettieq ezegwibbli li ghanda tispecifika l-illegalitajiet kollha ezistento fuq l-istess art li ghandhom jitnehhew kemm jekk dawn huma interventi illegali, materjal depozitat illegalment u kull forma ta illegalita ohra;

ii. deskrizzjoni tal-illegalitajiet kollha ezistenti fuq l-istess art li ghandhom jitnehhew imsemmija fil-paragrafu (i);

iii. deskrizzjoni tal-interventi li huma meħtieġa biex tissewwa l-ħsara ambjentali u sabiexs-sit jittreġġa lura għall-istat originali tieghu, inkluz, fost ohrajn, izda mhux biss, l-informazzjoni li gejja:- :

(a) pjanti, faċċati u sezzjonijiet li juru l-operazzjonijiet/x-xogħolijiet proposti u interventi oħra (jekk relevanti);

(b) lista ta' makkinarju (inklużi vetturi) u/jew għodod li għandhom jintużaw kif ukoll l-użu maħsub għal kull makkinarju/għodda;

(ċ) deskrizzjoni tal-aċċess għas-sit (inklużirotot),il-mod li bih kull makkinarju u/jew għodda sertingieb fuq is-sit u sussegwentement mneħħija- kemm għat-twaqqiegħ kif ukoll għat-tneħħija tal-materjal;

(d) pjanta li tindika fejn l-makkinarju (inklużi vetturi), t-tagħmir u/jew l-għodod ser jinżammu waqt li x-xogħlijiet ikunu għaddejjin;

(e) pjanta li tindika l-partijiet kollha tas-sit li għandhom ikunu *cordoned off* qabel, matul jew wara l-xogħlijiet meħtieġa, kif ukoll l-ghan li ghalih l-istess partijiet tas-sit ghandhom ikunu *cordoned off*;

(f) deskrizzjoni tat-tip ta' sinjali li għandhom jintużaw għall-partijiet tas-sit *cordoned off*;

(g) deskrizzjoni ta ' kif il-materjal offensiv ser jitneħħa mis-sit u l-post li fih ser jigimormi . Fil-każ ta ' ħażna temporanja u/jew depozitu temporanju tal-materjal offensiv qabel it-tneħħijja tieghu, għandha tiġi provduta pjanta li tindika liema żona għandha ikunu utilizzati għal dak l-iskop;

(h) lista ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex jiżguraw l-ebda tixrid ta' materjal konsegwenza ta' aġenti bħar-riħ, xita, l-azzjoni tal-mewġ, kollass, fatturi antropoġeniċi, jew kull fattur iehor li jista' jwassal ghat-tixrid tal-materjal matul kwalsiasi fażi tal-proġett;

(i) indikazzjoni ta' kull speċi li ser tiġi mħawwla, u deskrizzjoni dettaljata tal-abitat li kien jeżistifuq l-art qabel ir-reklamazzjoni illegali jew degradazzjoni tal-istess art, kif ukoll deskrizzjoni tal-ambjent naturali tal-madwar;

(j) miżuri ta' mitigazzjoni proposti sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun possibbli il-qlugh ta' ħama,li jista' jniġġes xi karatteristiċi ambjenti naturali u korpi ta ' ilma (terrestri jew tal-baħar) li jinsabu gewwa jew fil-vicinanzi tas-sit;

(k) lista ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex jiżguraw li ma jsehh l-ebda impatt danneggjuz fuq l-ambjenti naturali u fiżiċi tas-sit matul kull fażi tal-proġett, u b'mod partikolari mizuri biex jizguraw li l-ebda *trampling*, tfixkil, u/jew tixrid jew tnixxija ta' karburanti, żjut jew sustanzi oħrama sseħħ;

(l) miżuri oħramahsuba li jigu implimentati biex, kemm jista' jkun, is-sit jigi ripristinat għal kondizzjoni originali tieghu;

(m) mizuri oħra meħtieġa biex jiġi żgurat l-ri-generazzjoni ambjentali tas-sit u/jew biex tigi eliminata id-deterjorazzjoni jew degradazzjoni tas-sit u l-ambjent tal-madwar kemm matul, kif ukoll wara, x-xogħlijiet;

(n) Il-*contravener* għandu jinnotifika l-Awtorità kompetenti, mill-anqas ħmistax il-jum minn qabel, b'xi bidliet mehtiega fix-xogħolijiet relattivi ghall-implimentazzjonital-Stqarrija ta' Metodu awtorizzat mill-Awtoritàtal-Ambjent u r-Riżorsi, liema tibdiliet iridu jigu awtorizzati mill-istess Awtorita' kompetenti

(o) l-*contravener*ghandu jimpenja ruhhu biex ma jwettaq ebda xogħlijiet jekk mhux taħt is-sorveljanza tal-uffiċjali tal-Awtorità.

(p) identifikazzjoni ta' dawk ix-xogħlijiet/interventi proposti li jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi taħt regolamenti ambjentali rispettivi

(q) pjan ta ' kontinġenza mahsub li jipprevjeni u/jew inaqqasr-riskju li, bix-xogholijiet/interventi proposti, jsehhu incidenti li jikkagunaw ħsara ambjentali.